# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## (Sede Kostituzzjonali)

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

### ILLUM, it-Tlieta, 22 ta' Ottubru, 2019

**Kawża Numru 1 (Kost.)**

**Rik. Nru. 19/16JRM**

Angelo **ŻAHRA**

vs

**L-AVUKAT ĠENERALI**

**Il-Qorti:**

Reġgħet rat ir-Rikors imressaq fil-11 ta' Frar, 2016, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrent talab li din il-Qorti (i) issib li huwa ġarrab ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu li ma jkunx imċaħħad mit-tgawdija bla xkiel tal-possedimenti tiegħu taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni") u l-jedd tiegħu li ma

jkunx suġġett għal trattament inuman jew degradanti taħt l-artikolu 3 tal-istess Konvenzjoni u dan safejn l-Ordni ta' Iffriżar magħmul kontrih mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fil-21 ta' Lulju, 2001, għall-finijiet tal-artikolu 22A(1)(a) u (b) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi[1] żammu milli jkompli fin-negozju tiegħu u minn kif jista' jinqeda bil-ġid tiegħu jew jiddisponi minnu; (ii) issib li ġarrab ksur tal-istess artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni safejn ma jeżisti l-ebda rimedju fil-liġi (bħalma huwa mogħti fl-artikolu 22Ċ tal-imsemmija Ordinanza, fil-każ fejn il-proċeduri quddiem il-Qrati ta' kompetenza kriminali jkunu ntemmu) biex l-imsemmi Ordni ta' Iffriżar jista' jitħassar sakemm ikunu għadhom mexjin jew pendenti l-proċeduri kriminali fir-rigward tal-persuna milquta mill-istess Ordni; (iii) tagħti dawk id-direttivi kollha li jidhrilha xierqa u meħtieġa sabiex jitħarsu l-imsemmija jeddijiet fundamentali tiegħu, magħdud it-tħassir bla ebda kundizzjoni tal-imsemmi Ordni ta' Iffriżar maħruġ fil-21 ta' Lulju, 2001; u (iv) tikkundanna lill-intimat iħallas l-ispejjeż tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tad-15 ta' Frar, 2016, li bih ordnat in-notifika lill-intimat u qiegħdet il-kawża għas-smigħ tad-19 ta' Frar, 2016;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat Avukat Ġenerali fid-19 ta' Frar, 2016, li biha laqa' għall-azzjoni tar-rikorrent billi, b'mod preliminari, qal li r-rikorrent qiegħed jabbuża mill-proċess ġudizjarju kostituzzjonali meta seta' jinqeda b'rimedji ordinarji li tagħtih il-liġi – fis-sura ta' tressiq ta' rikorsi quddiem il-Qorti ta' kompetenza kriminali biex jitħalla juża mill-ġid tiegħu maqbud b'Ordni bħal dak – liema rimedji huma fejjieda u l-istess rikorrent irrikorra għalihom bosta drabi biex jitħalla jiddisponi minn ġidu; għalhekk, jeċepixxi li r-rikorrent naqas milli jeżawrixxi r-rimedji ordinarji u din il-Qorti għandha tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha biex tisma' din il-kawża għall-finijiet tal-*proviso* tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-mertu, laqa' billi qal li r-rikorrent ma jistax jilminta minn ksur tal-jedd tiegħu taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni għaliex l-Ordni tal-Iffriżar maħruġ kontrih inħareġ bis-saħħa ta' liġi u l-imsemmi artikolu jippermetti l-kontrol tal-ġid ta' persuna meta dan isir fl-interess pubbliku u s-soppressjoni ta' attività kriminali hija magħmula fl-interess pubbliku. L-Ordni ta' iffriżar jista' jitqies bħala miżura provviżorja u kawtelatorja maħsuba biex tirrendi effettiva l-eżekuzzjoni ta' sentenza f'każ ta' eventwali sejbien ta' ħtija tal-persuna milquta b'Ordni bħal dak. Żied jgħid li lanqas ma jista' r-rikorrent jilminta bi ksur tal-jedd tiegħu li ma jkunx suġġett għal trattament degradanti bi ksur tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni għaliex l-effetti ta' Ordni ta' Iffriżar ma jistgħu qatt iwasslu

[1] Ord. XXXI tal-1939 (Kap 101)

għal-livell ta' moħqrija li tammonta għal trattament degradanti u lanqas jista' jgħid li l-Ordni nħareġ mill-Qorti tal-Maġistrati bil-ħsieb li tumiljah;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tad-9 ta' Marzu, 2016[2], li bih u wara talba li saritilha mill-avukati difensuri tal-partijiet fl-ewwel smigħ, sabet li kien hemm raġunijiet tajbin biżżejjed biex tastjeni milli tkompli tisma' l-każ;

Rat is-surroga tal-11 ta' Marzu, 2016, li biha din il-kawża ntbagħtet quddiem din il-Qorti kif issa presjeduta biex tkompli tismagħha hi;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' April, 2016, li bih ordnat li qabel kull ħaġ'oħra ssir it-trattazzjoni tal-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimat dwar jekk din il-Qorti jmisshiex tagħżel li twettaq is-setgħat tagħha biex tisma' din il-kawża u tat direttivi lill-partijiet biex iressqu l-provi dokumentali li jidhrilhom meħtieġa biex tisma' t-trattazzjoni ta' dik l-eċċezzjoni;

Rat is-sentenza preliminari tagħha tat-13 ta' Lulju, 2017[3], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimat u ordnat li s-smigħ tal-każ jitkompla quddiemha fil-mertu;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet, magħduda dik bil-mezz tal-affidavit;

Rat id-degriet tagħha tal-15 ta' Frar, 2018, li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi u ħalliet il-kawża għat-trattazzjoni tal-għeluq;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet (reġistrata);

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni dwar ksur ta' jeddijiet fundamentali. Ir-rikorrent jilminta li, wara li kien mixli b'reati marbutin ma' pussess u traffikar ta' droga u għaddej minn proċess quddiem Qorti ta' kompetenza kriminali b'rabta mal-istess xiljiet, inħareġ Ordni ta' Iffriżar skond l-artikolu 22A(1)(a) u

[2] Paġġ. 37 sa 47 tal-proċess
[3] Paġġ. 222 sa 233 tal-proċess

(b) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta mill-Qorti li tressaq quddiemha u li l-effetti ta' dan l-Ordni għadhom fis-seħħ sallum, kważi sittax-il (16) sena wara li nħareġ. Huwa jgħid li, minħabba f'dak l-Ordni, qiegħed iġarrab ksur tal-jedd tiegħu li ma jkunx suġġettat għal trattament inuman u degradanti skond l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni u tal-jedd tiegħu li jgawdi bil-kwiet il-possedimenti tiegħu taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni, u dan safejn dak l-Ordni laqtu u għadu jolqtu fit-tmexxija tan-negozju tiegħu u wkoll fil-mod kif jista' jagħżel li jiddisponi minn ġidu. Jgħid ukoll li qiegħed iġarrab ksur tal-jeddijiet tiegħu taħt l-istess imsemmija żewġ artikoli tal-Konvenzjoni safejn il-liġi ma tagħtih l-ebda rimedju li bih jista' jattakka jew iwaqqa' l-imsemmi Ordni sakemm il-proċeduri kriminali kontrih għadhom għaddejjin. Huwa qiegħed jitlob ukoll li din il-Qorti tagħtih rimedji effettivi biex jitwaqqaf dan il-ksur tal-jeddijiet tiegħu, magħdud it-tħassir bla ebda kundizzjoni tal-imsemmi Ordni ta' Iffriżar maħruġ kontrih;

Illi għal din l-azzjoni, l-intimat Avukat Ġenerali laqa' billi, b'mod preliminari, qal li r-rikorrent qiegħed jabbuża mill-proċess ġudizjarju kostituzzjonali meta seta' jinqeda b'rimedji ordinarji li tagħtih il-liġi – fis-sura ta' tressiq ta' rikorsi quddiem il-Qorti ta' kompetenza kriminali biex jitħalla juża mill-ġid tiegħu maqbud b'Ordni bħal dak – liema rimedji huma fejjieda u l-istess rikorrent irrikorra għalihom bosta drabi biex jitħalla jiddisponi minn ġidu; għalhekk, jeċċepixxi li r-rikorrent naqas milli jeżawrixxi r-rimedji ordinarji u din il-Qorti għandha tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha biex tisma' din il-kawża għall-finijiet tal-*proviso* tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-mertu, laqa' billi qal li r-rikorrent ma jistax jilminta minn ksur tal-jedd tiegħu taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni għaliex l-Ordni tal-Iffriżar maħruġ kontrih inħareġ bis-saħħa ta' liġi u l-imsemmi artikolu jippermetti l-kontrol tal-ġid ta' persuna meta dan isir fl-interess pubbliku u t-trażżin ta' attività kriminali hija magħmula fl-interess pubbliku. L-Ordni ta' Iffriżar jista' jitqies bħala miżura provviżorja u kawtelatorja maħsuba biex tirrendi effettiva l-eżekuzzjoni ta' sentenza f'każ ta' eventwali sejbien ta' ħtija tal-persuna milquta b'Ordni bħal dak. Żied jgħid li lanqas ma jista' r-rikorrent jilminta bi ksur tal-jedd tiegħu li ma jkunx suġġett għal trattament degradanti bi ksur tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni għaliex l-effetti ta' Ordni ta' Iffriżar ma jistgħu qatt iwasslu għal-livell ta' moħqrija li tammonta għal trattament degradanti u lanqas jista' jgħid li l-Ordni nħareġ mill-Qorti tal-Maġistrati bil-ħsieb li tumiljah;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li r-rikorrent huwa negozjant imrawwem f'bosta oqsma u sa minn żmien twil. Dawn in-negozji kienu jikkonsistu f'diversi stabbilimenti kummerċjali mxerrdin ma' bnadi differenti ta' Malta u wkoll minn ġid immobbli li huwa jħaddem bi qligħ mill-kirjiet tiegħu;

Illi r-rikorrent illum huwa pensjonant;

Illi fil-21 ta' Lulju, 2001[4], huwa kien tressaq mill-Pulizija quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, mixli b'assoċjazzjoni f'reati dwar traffikar ta' droga flimkien ma' wieħed Jason Briffa, li xi snin qabel kien joħroġ man-neputija tar-rikorrent u kellu tarbija minnha[5];

Illi dakinhar li r-rikorrent tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, inħareġ Ordni ta' Iffriżar (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-Ordni") fuq ġidu kollu skond id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 22A(1)(a) u (b) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Dak l-Ordni deher ukoll fil-ħarġa tal-Gażżetta tal-Gvern tas-27 ta' Lulju, 2001[6];

Illi l-proċeduri mnedija mill-Pulizija Eżekuttiva kontra r-rikorrent quddiem il-Qorti ta' kompetenza kriminali għadhom ma ngħalqux, l-aktar minħabba ċirkostanzi li laqtu l-mixi 'l quddiem tal-proċediment, bħal meta l-atti tal-kumpilazzjoni kienu nqerdu b'nar li ħakem l-awla tal-Qorti fejn kienu miżmuma u kellha terġa' ssir ir-rikostruzzjoni tagħhom u wkoll minħabba li l-proċediment tiegħu qiegħed jitmexxa għal rasu minn dak kontra l-imsemmi Jason Briffa, li kien il-persuna li, fi stqarrija li ta lill-Pulizija fis-17 ta' Lulju, 2001[7], implikah fir-reati li r-rikorrent issa jinsab mixli bihom. Peress li l-ġudizzji qegħdin jitmexxew għal rashom, u peress li dawk kontra r-rikorrent qegħdin jistennew l-eżitu tal-proċeduri mnedija kontra Jason Briffa, l-effetti tal-Ordni qegħdin jinżammu fis-seħħ minħabba f'hekk;

Illi matul iż-żmien wara li kien tressaq quddiem il-Qorti, ir-rikorrent ressaq bosta talbiet lill-Qorti tal-Maġistrati[8] biex jitħalla jiddisponi minn xi ġid tiegħu, magħduda l-każijiet li fihom għamel atti ta' konvenju. Jgħid li bosta minn dawk it-talbiet ma ntlaqgħux, jew, fejn intlaqgħu, dan sar bil-kundizzjoni li l-prezz tal-bejgħ li jkun daħħal ikun irid iqiegħdu taħt l-awtorità tal-Qorti u mhux jinqeda bih hu għall-ħtiġijiet tiegħu jew biex jikseb ġid ieħor bi prezzu[9];

Illi huwa jgħid li, minħabba li kien imxekkel fin-negozju tiegħu u minħabba l-effetti tal-istess Ordni, il-bank waqqfulu l-faċilitajiet bankarji li kienu tawh[10] u saħansitra għaddew biex biegħulu ġid tiegħu biex jagħmel tajjeb għall-ħlas tal-imsemmija faċilitajiet. Jgħid ukoll li kellu problema mad-

[4] Ara Dok f'paġ. 58 tal-proċess
[5] Affidavit tar-rikorrent f'paġġ. 172 – 3 tal-proċess
[6] Dok f'paġ. 243 tal-proċess
[7] Ara Dok f'paġġ. 59 sa 66 tal-proċess
[8] *Ibid.* f'paġġ. 177 – 9 tal-proċess
[9] Ara Dokti f'paġġ. 69 sa 165 tal-proċess
[10] Affidavit tiegħu f'paġ. 238 tal-proċess

Dipartiment tat-Taxxi dwar il-ħlas tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud u li kien intbagħat il-ħabs ukoll minħabba f'hekk b'sentenzi li ngħataw mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-27 ta' Novembru, 2008[11], u fit-18 ta' Diċembru, 2009[12]. Eventwalment, wara li kien skonta l-piena, ir-rikorrent kien fetaħ proċeduri ta' ksur ta' jedd fundamentali dwar dawk il-proċeduri, u din il-Qorti (diversament presjeduta) kienet laqgħet l-ilment tiegħu u ħassret is-sentenzi mogħtijin kontrih mill-Qrati ta' kompetenza kriminali[13];

Illi kien hemm okkażjonijiet fejn il-Qorti tal-Maġistrati awtorizzat lir-rikorrent biex iħallas kontijiet pendenti dwar servizzi mogħtijin jew kontijiet dipartimentali jew biex ikopri nefqiet marbutin ma' kura li kellu jieħu[14] minħabba kundizzjoni medika serja li ħarġitlu matul iż-żmien li kienu għaddejjin l-imsemmija proċeduri[15];

Illi fil-11 ta' Frar, 2016, ir-rikorrent fetaħ din il-kawża;

Illi minħabba li l-proċeduri kriminali kontra r-rikorrent qegħdin jistennew l-eżitu ta' proċeduri kriminali li ttieħdu kontra xi persuni oħra mdaħħlin fil-każ, l-Ordni għadu fis-seħħ;

Illi għal dak li jirrigwarda l-kunsiderazzjonijiet ta' xejra legali marbuta mal-ilmenti ta' ksur ta' jeddijiet funadamentali tiegħu, ir-rikorrent jistieden lill-Qorti tistħarreġ il-każ tiegħu fid-dawl ta' żewġ jeddijiet li huwa jgħid li ġarrab ksur tagħhom – l-ewwel wieħed jirrigwarda l-jedd tiegħu għat-tgawdija paċifika ta' ħwejġu, filwaqt li t-tieni wieħed jirrigwarda l-jedd tiegħu li ma jingħatax trattament degradanti jew inuman. Dan il-ksur huwa jibnih kollu fuq l-Ordni u l-effetti li ż-żamma fis-seħħ tiegħu ħalliet fuq iż-żewġ jeddijiet li huwa jgħid li ġarrab ksur tagħhom;

Illi l-imsemmi Ordni nħareġ taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 22A tal-Ordinanza u li, fil-partijiet rilevanti tiegħu għal dan il-każ, jgħid hekk:

> "*(1) Meta persuna tiġi akkużata taħt l-artikolu 22, b'bejgħ jew traffikar ta' mediċina jew bi promozzjonijiet, kostituzzjoni, organizzazzjoni jew finanzjament ta' assoċjazzjoni taħt is-sub-artikolu (1)(f) ta' dak l-artikolu, jew bir-reati fis-sub-artikolu (1Ċ) tal-istess artikolu, jew bir-reati ta'*

[11] Dok f'paġġ. 20 sa 31 tal-proċess
[12] Dok f'paġġ. 32 – 6 u 244 – 8 tal-proċess
[13] P.A. (Kost.) MH **1.3.2017** fil-kawża fl-ismijiet ***Anġelo Żahra vs Onor. Prim Ministru et*** (ġeneralment konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fit-**18.7.2017** fejn jirrigwarda t-tħassir tal-proċeduri u s-sentenzi mogħtija, Dok "AĠ2", f'paġġ. 287 sa 319 tal-proċess)
[14] Xhieda tiegħu fil-kontro-eżami f'paġ. 189 tal-proċess
[15] Ara d-Dokti f'paġġ. 253 sa 261 tal-poroċess

*pussess ta' xi mediċinali kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Orbinanza, taħt dawk iċ-ċirkostanzi li l-qorti tkun sodisfatta li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tal-ħati, il-qorti għandha fuq it-talba tal-prosekuzzjoni tagħmel ordni –*

*"(a) li jissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes jew il-proprjetà mobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikun jmissu lill-akkużat jew ikunu proprjetà tiegħu, u*

*"(b) li jipprojbixxi lill-akkużat milli jittrasferixxi jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli: Iżda l-qorti għandha f'dak l-ordni tistabilixxi xi flejjes jistgħu jitħallsu lil jew jiġu riċevuti mill-akkużat fil-waqt li jkun qed iseħħ dak l-ordni, fejn jiġu speċifikati l-għejjun, il-mod u modalitajiet oħra ta' ħlas, inklużi salarju, paga, pensjoni u benefiċċju soċjali li jitħallsu lill-akkużat, sabiex huwa u l-familja tiegħu jitħallilhom għixien diċenti f'ammont, fejn ikun meżżi biżżejjed, tlettax-il elf disa' mija u sitta u sebgħin euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€ 13,976.24) fis-sena: Iżda wkoll il-qorti tista' barra minn dan – (a) tawtorizza l-ħlas ta' djun li jkollhom jitħallsu mill-akkużat lil kredituri bona fide u li jkunu saru qabel ma jkun sar dak l-ordni; u (b) għal raġuni tajba tawtorizza lill-akkużat biex jittrasferixxi proprjetà mobbli jew immobbli.*

*"(2) Dak l-ordni għandu – .. .. .. (b) jibqa' jseħħ sakemm il-proċedimenti jkunu ġew deċiżi b'mod finali u konklużiv, u fil-każ li persuna tinstab ħatja, sakemm is-sentenza tkun ġiet esegwita. .. ..*

*"(3) Il-qorti tista' f'ċirkostanzi partikolari tibdel dak l-ordni, u d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli ta' qabel għandhom japplikaw għal dak l-ordni kif hekk mibdul. .. .. ..*

*"(7) Meta l-qorti ma tipproċedix minnufih biex tagħmel ordni kif meħtieġ taħt is-subartikolu (1), il-qorti għandha minnufih tagħmel ordni*

> *temporanja ta' iffriżar li għandha l-istess effett bħal ordni li tkun saret taħt dan l-artikolu, liema ordni temporanja għandha tibqa' fis-seħħ sa dak iż-żmien li l-qorti tagħmel l-ordni meħtieġa mill-imsemmi artikolu.*
>
> *"(8) eta għal xi raġuni l-qorti tiċħad it-talba li tkun saret mill-prosekuzzjoni għall-ordni taħt is-subartikolu (1), l-Avukat Ġenerali jista', fi żmien tliet ijiem ta' xogħol mid-data tad-deċiżjoni tal-qorti, jagħmel rikors fil-Qorti Kriminali biex tagħmel l-ordni meħtieġa u d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom, mutatis mutandis, japplikaw għall-ordni magħmula mill-Qorti Kriminali taħt dan is-subartikolu bħallikieku l-ordni saret mill-qorti taħt is-subartikolu (1) .. .. ..*";

Illi għal dak li jirrigwarda l-ilment dwar **il-ksur tal-jedd għat-tgawdija bil-kwiet tal-ġid tar-rikorrent**, joħroġ ċar li r-rikorrent isejjes dan l-ilment tiegħu fuq is-saħħa tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u jfisser li dan il-ksur jiġri għaliex, għall-kuntrarju ta' dak li l-liġi tipprovdi band'oħra fl-Ordinanza[16], ma jingħata l-ebda rimedju lil persuna milquta minn Ordni sakemm il-proċeduri mnedija kontrih quddiem il-qorti ta' kompetenza kriminali tkun għadha miexja, u li sakemm ordni bħal dak ikun għadu fis-seħħ, il-persuna milquta tiċċaħħad mit-tgawdija ħielsa ta' ħwejjiġha b'mod arbitrarju u sproporzjonat;

Illi l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni jrid li "*Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali. Iżda d-dispożizzjonijiet ta' qabel ma għandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjetà skond l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni*";

Illi l-imsemmi artikolu jitkellem kemm dwar it-teħid u kif ukoll dwar il-kontroll ta' possediment. Dak l-artikolu, kif ilu jingħad u kif ilu stabilit[17], huwa ġabra ta' tliet (3) regoli msenslin waħda mal-oħra u li għandhom jinftehmu b'qari ma' xulxin. B'mod partikolari, fil-ħarsien tal-jedd imsemmi

---

[16] Jirreferi għall-artikolu 22Ċ tal-Kap 101

[17] Sa mis-sentenza Q.E.D.B. **23.9.1982** fil-kawża fl-ismijiet ***Sporrong & Lonnroth vs Svezja*** (Applik. Nru. 7151/75) § 61

f'dak l-artikolu irid jintwera li jkun inżamm u tħares bilanċ xieraq bejn l-interessi tal-komunità u dawk tal-individwu li ġidu jkun intlaqat mill-għemil tal-Istat (f'dan il-każ, l-iffriżar tal-ġid pendenti l-proċeduri kriminali). Dwar it-tifsir xieraq ta' dan l-artikolu, il-Qrati tagħna diġà[18] taw il-fehmiet meqjusa tagħhom u ħarġu b'sensiela ta' prinċipji li fuqhom għandhom jintiżnu l-jeddijiet tal-individwu fuq naħa u dawk tal-Istat fuq in-naħa l-oħra. Għalhekk, filwaqt li l-liġijiet li jagħtu s-setgħa lill-Istat li jieħu ġid f'idejh għal għanijiet pubbliċi huma meqjusa bħala meħtieġa f'soċjetà demokratika, dawn ma jagħtux jedd assolut jew insindakabbli lill-Istat, għaliex tali jedd għandu jitqies bħala eċċezzjoni jew limitazzjoni għall-jedd tal-individwu li jgawdi ħwejġu u ġidu bil-kwiet, u għalhekk l-Istat irid juri kif imiss li l-jedd tiegħu wettqu bil-qies u fil-parametri permessi mil-liġi[19];

Illi għall-finijiet ta' dan l-artikolu, ikun hemm "teħid ta' possedimenti" biss "*when all the legal rights of the owner are extinguished by operation of law or by the exercise of a legal power to the same effect. .... In the absence of a formal extinction of the owner's rights, the Court has been very cautious about accepting that a* de facto *deprivation of property qualifies as a deprivation for the purposes of Article 1/2*"[20]. B'"*de facto deprivation*" wieħed jifhem dawk il-każijiet fejn "*the authorities interfere substantially with the enjoyment of possesions without formally divesting the owner of his title*"[21]. Għalhekk, b'teħid ta' ġid mingħand is-sid għall-finijiet ta' dan l-artikolu, jidher li wieħed ifisser il-każ fejn il-jeddijiet proprjetarji jinġiebu fix-xejn[22];

Illi min-naħa l-oħra għal dak li jirrigwarda l-indħil fl-użu tal-ġid min-naħa tal-Istat, jidher li dan l-indħil jista' jieħu s-sura ta' kull għamla ta' kontroll (bla ma jċaħħad lis-sid mit-titolu), sakemm dan isir billi jitħares il-bilanċ bejn il-ħtieġa jew interess pubbliku jew ġenerali u l-jeddijiet tas-sid fuq dak il-ġid;

Illi filwaqt li huwa d-dmir tal-Istat li juri li t-teħid jew l-indħil seħħ tassew fl-interess pubbliku jew ġenerali[23], hemm qbil li, fejn jidħol dak li jitqies bħala "interess pubbliku", l-Istat igawdi firxa wiesgħa ta' diskrezzjoni[24]. Madankollu, l-mod kif titwettaq dik id-diskrezzjoni jrid jgħaddi mill-għarbiel tal-bilanċ mistenni bejn l-interessi tas-soċjetà u dawk tal-individwu mġarrab bit-twettiq tagħha, u dan kemm jekk l-għemil ikun ta' teħid ta' proprjetà u kif ukoll jekk ikun "sempliċement" dwar indħil fl-użu tagħha[25];

---

[18] Ara, per eżempju, Kost. **28.12.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Cachia vs Avukat Ġenerali et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.615**)
[19] Kost. **2.12.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Allied Newspapers Ltd vs Avukat Ġenerali et*** (Kollez. Vol: **LXXXVII.i.514**)
[20] Harris, O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention on Human Rights (1995), paġġ. 527 – 8
[21] *Ibid.* f'paġ. 528
[22] Ara, per eżempju, Kost. **1.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Curmi noe et vs L-Onor. Prim Ministru et*** (każ li jirreferi għall-jedd tal-lawdemju)
[23] Kost. **24.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Vella et vs Il-Kummissarju tal-Artijiet***
[24] Q.E.D.B. **23.11.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***The former King of Greece et vs Greċja*** (Applik. Nru. 25701/94) § 87
[25] K. Reid A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights (3rd. Edit, 2007) paġ. 501 §IIB – 337

Illi ma hemm l-ebda dubju li, taħt l-imsemmi artikolu, l-indħil fit-tgawdija ta' xi ġid jew possediment "*must be prescribed by law and it must pursue one or more legitimate aims. There must be a relationship of proportionality between the means that are employed and the aim or aims of the legislation. This involves assessing whether a 'fair balance' has been struck between the requirements of the 'general interest' and those of the individual concerned*"[26];

Illi r-rikorrent jgħid li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 22A tal-Ordinanza li bis-saħħa tagħhom inħareġ l-Ordni li minnu jilminta ma jħarsux dan il-bilanċ mitlub mill-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u ma jipprovdux rimedju lil persuna bħar-rikorrent, bħalma jipprovdu lil persuni oħrajn li ġidhom ikun "iffriżat" b'ordni bħal dak, imma li l-każ tagħhom quddiem il-qrati ta' kompetenza kriminali jkun intemm. Huwa jżid jgħid li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 22A tal-Ordinanza ma jimxux id f'id ma' dawk maħsuba fil-liġijiet Komunitarji, b'mod partikolari mal-kriterji li wieħed isib fid-Direttiva (tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tat-3 ta' April, 2014, dwar l-iffriżar u l-konfiska ta' mezzi strumentali u r-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropeja[27]. Huwa jżid jgħid li, fejn riedet, il-liġi lokali ħarset il-parametri tad-Direttiva[28], iżda l-leġislatur ma ġabx id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 22A tal-Ordinanza jaqblu ma' dawk il-parametri u xi bidliet li ddaħħlu fl-imsemmi artikolu 22A ma kinux disponibbli lir-rikorrent meta nħareġ l-Ordni kontrih fl-2001. Fit-trattazzjoni tiegħu tal-għeluq, l-għaref difensur tar-rikorrent jgħid li, fin-nuqqas ta' rimedju espress mogħti mil-liġi, din il-Qorti tista' tħassar l-Ordni jew tordna li jistgħu jitressqu proċeduri kif maħsuba skond l-artikolu 22Ċ tal-Ordinanza, daqslikieku l-proċeduri kriminali kontra r-rikorrent kienu ntemmu;

Illi min-naħa tiegħu, l-intimat Avukat Ġenerali jwieġeb billi jgħid li r-rikorrent jinsab mixli b'reat li jaqa' taħt l-Ordinanza u għalhekk l-Ordni li nħareġ kien skond il-liġi u Ordni bħal dak iħares ir-rekwiżiti mitluba mill-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Il-fatt li l-proċeduri kriminali kontra r-rikorrent ilhom għaddejjin, ma jnisslux b'daqshekk xi illegalità fl-Ordni maħruġ jew li jxejnu s-siwi li kellu meta nħareġ;

Illi l-Qorti tqis li l-Konvenzjoni tagħti lill-Istat medda wiesgħa ta' diskrezzjoni dwar il-miżuri ta' kontroll dwar għemejjel li jikkwalifikaw bħala reati. Waħda minn dawn huwa s-sekwestru ta' ġid għall-finijiet ta' proċeduri ġudizzjarji ċivili[29] jew kriminali[30];

---

[26] William A Schabas _The European Convention on Human Rights – A Commentary_ (O.U.P 2015) pġ. 979
[27] Dir. 2014/42PE (Ġ.U. 29.4.2014, L 127/39)
[28] B'mod partikolari, jsemmi l-art. 23A tal-Kap 9
[29] ECommHR **1983** fil-kawża fl-ismijiet ***G, S & M vs Austria*** (Applik. Nru. 9614/81)

Illi, fil-każ preżenti, l-interess ġenerali f'Ordni ta' Iffriżar maħruġ taħt l-artikolu 22A tal-Kap 101 joħroġ mir-regola ġenerali li, fejn hemm is-suspett li twettaq reat, it-teħid ta' miżuri konservattivi maħsuba biex, safejn huwa possibbli, ma jitħalliex li ġid jew patrimonju li jkun il-frott ta' xi attività kriminali jisfaxxa fix-xejn jew jinħeba, huwa dejjem fl-interess tas-soċjetà in ġenerali. Għalhekk, Ordni bħal dan jissarraf f'miżura proċedurali kawtelatorja, temporanja u meħtieġa, sakemm jintemmu l-proċeduri kriminali li taħthom ikun ingħata dak l-Ordni. Ordni bħal dak jista' jixxiebah ma' mandat ta' sekwestru kawtelatorju bħalma wieħed isib fil-qafas ta' proċediment ċivili;

Illi, f'dan ir-rigward huwa xieraq li jissemma li l-artikolu 22A innifsu fih dispożizzjoni mandatarja li ssalva mill-effetti ta' Ordni ta' Iffriżar dak il-ġid meħtieġ mill-persuna akkużata u l-familja tiegħu. Il-liġi torbot lill-Qorti li tagħmel Ordni bħal dak li tistabilixxi xi flejjes jistgħu jitħallsu u jibqgħu jintużaw mill-persuna akkużata għall-ħtiġijiet tagħha u tal-familja tagħha, magħduda magħhom flejjes maqlugħa b'salarju jew paga jew benefiċċju soċjali, sal-ammont ta' qrib l-erbatax-il elf euro fuq medda ta' sena kalendarja. Dan minbarra li, hija mħollija lill-Qorti s-setgħa wkoll li tħalli li mill-ġid tal-persuna akkużata jitħallsu djun maħluqa qabel id-data ta' ordni bħal dak li jkunu dovuti lil kredituri *bona fide*, jew li jsir trasferiment ta' ġid "għal raġuni tajba". Fil-fehma tal-Qorti, dan ifisser li t-tgawdija tal-possedimenti mill-persuna mixlija b'reat taħt l-Ordinanza lanqas biss tista' titneħħa b'Ordni ta' sekwestru bħal dak fuq ammont mhux ċkejken ta' ġid, u għalhekk, dwar dak il-ġid, lanqas l-interpretazzjoni l-aktar wiesgħa tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll ma tista' tiġi b'xi mod milħuqa;

Illi b'żieda ma' dan, il-Qorti qieset id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva li jsemmi r-rikorrent u tara li, saħansitra fil-qafas ta' persuna li tkun għadha mixlija b'reat u li dwarha jkun għad ma hemmx sentenza ta' sejbien ta' ħtija, l-istess Direttiva tipprospetta saħansitra l-konfiska ta' ġid ta' persuna bħal dik, u mhux biss l-iffriżar ta' ġidha meta jkun hemm ċirkostanzi fejn tali persuna tkun marida jew ħarbet[31] u qorti tkun sodisfatta li l-ġid li jkun ikun jirriżulta minn imġiba kriminali[32]. Ta' min isemmi li l-Preambolu (26) tad-Direttiva jgħid hekk: "*Konfiska twassal għaċ-ċaħda definittiva ta' proprjetà. Madankollu, il-preservazzjoni ta' proprjetà tista' tkun prerekwiżit għal konfiska u tista' tkujn ta' importanza għall-eżekuzzjoni ta' ordni ta' konfiska. Proprjetà tiġi ppreżervata permezz ta' ffriżar. Sabiex jiġi evitat li l-proprjetà tintefaq qabel toħroġ l-ordni ta' ffriżar l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri għandu jkollhom is-setgħa li jieħdu azzjoni immedjata biex jissalvagwardjaw tali*

[30] ECHR **24.10.1986** fil-kawża fl-ismijiet ***Allgemeine Gold-und Silberscheideanstalt vs Renju Unit*** (Applik. Nru. 9118/80) §§ 49 – 51
[31] Preambolu (15)
[32] Preambolu (21)

*proprjetà*". Id-Direttiva tagħraf li ordnijiet bħal dawn joħolqu limitazzjoni fuq it-tgawdija tal-ġid u għalhekk tistenna li l-miżuri provviżorji m'għandhomx jinżammu fis-seħħ iktar minn kemm hu meħtieġ biex tiġi żgurata d-disponibilità tal-ġid maqbud fid-dawl tal-possibilità li 'l quddiem tkun konfiskata[33] jew li tagħmel tajjeb għad-danni kawżati mir-reat kriminali jew li saħansitra tintradd lura jekk kemm-il darba ma jirriżultax li kienet il-frott ta' reat[34];

Illi d-Direttiva tolqot medda kbira ta' reati preskritti, fosthom dawk marbuta mal-qasam tat-traffikar illeċitu tad-drogi[35]. Meta titkellem dwar "iffriżar" tal-ġid, id-Direttiva tfissirha bħala "*l-projbizzjoni temporanja tat-trasferiment, tal-qerda, tal-konverżjoni, taċ-ċessjoni jew tal-moviment ta' proprjetà jew l-assunzjoni temporanja ta' kustodja jew ta' kontroll ta' proprjetà*"[36]. Id-Direttiva tipprovdi li "*(1) L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex ikunu jistgħu jiffriżaw proprjetà fid-dawl tal-possibilità li tiġi konfiskata sussegwentement. Dawk il-miżuri, li għandhom jiġu ordnati minn awtorità kompetenti, għandhom jinkludu azzjoni urġenti li għandha tittieħed fejn meħtieġ biex tiġi preżervata l-proprjetà. (2) Il-proprjetà fil-pussess ta' parti terza, kif imsemmi taħt l-Artikolu 6, tista' tkun suġġetta għal miżuri ta' ffriżar għall-fini ta' possibilità li tiġi kkonfiskata sussegwentement.*"[37];

Illi dawk is-setgħat iġibu magħhom il-ħtieġa ta' salvagwardji siewja u effettivi. Għalhekk, id-Direttiva titlob li l-persuni milqutin minn miżuri bħal dawn jingħatalhom id-dritt ta' rimedju effettiv u proċess ġust b'ħarsien tal-jeddijiet tagħhom[38]; li l-persuna li kontriha jinħareġ Ordni ta' Iffriżar għandha tkun mgħarrfa minnufih bil-ħruġ ta' Ordni bħal dak u tingħata r-raġunijiet għall-ħruġ tiegħu[39]; li ordni bħal dak għandu jibqa' fis-seħħ biss sakemm il-ġid milqut jinżamm imħares fid-dawl li 'l quddiem jista' jkun konfiskat[40]. Id-Direttiva taħseb ukoll li l-Istat Membru joffri lill-persuna milquta b'Ordni ta' Iffriżar tikkontesta l-Ordni quddiem qorti skond il-liġi nazzjonali[41]. Ġid iffriżat b'Ordni bħal din li ma jkunx konfiskat, irid jintradd lura minnufih lil sidu skond il-liġijiet nazzjonali[42];

Illi l-Qorti jidhrilha li d-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza jilħqu fil-biċċa l-kbira minnhom il-kriterji preskritti fid-Direttiva fejn jidħlu ordnijiet bħal dak li ntlaqat bih ir-rikorrent. Meta l-għaref difensur tar-rikorrent issottometta li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali kienu "jirriflettu" l-

[33] Preambolu (31)
[34] Preambolu (29)
[35] Art. 3(g)
[36] Art. 2(5)
[37] Art. 7
[38] Art. 8(1)
[39] Art. 8(2)
[40] Art. 8(3)
[41] Art. 8(4)
[42] Art. 8(5)

ispirtu tad-Direttiva, kien tabilfors qiegħed jorbot dik il-parti tal-liġi ma' liġi oħra speċjali li tissemma f'dak l-artikolu, jiġifieri d-dispożizzjonijiet tal-Att kontra l-*Money Laundering*[43]. B'mod partikolari, l-imsemmi artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali jsemmi wkoll l-Ordinanza li taħtha nħareġ l-Ordni mertu ta' din il-kawża u jirregola speċifikatament l-imblukkar (iffriżar) tal-ġid ta' min ikun akkużat b'reat u ma jkunx għadu nstab ħati b'sentenza li tkun għaddiet f'ġudikat. Il-Qorti tqis li t-tismija tal-artikolu 23A msemmi hija rilevanti wkoll għall-kwestjoni li hija għandha quddiemha f'din il-kawża. Dan tgħidu għaliex is-sub-artikolu (2) tal-artikolu 23A jirreferi għall-artikolu 5 tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta. Issa jekk wieħed jara x'jgħid l-imsemmi artikolu 5, isib li d-dispożizzjonijiet tiegħu jixbhu ħafna d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 22A tal-Ordinanza;

Illi l-Qorti jidhrilha li għalkemm wieħed irid iżomm distinzjoni bejn il-konfiska tal-ġid u l-iffriżar tiegħu pendenti l-proċeduri kriminali, jidher li kemm id-Direttiva u kif ukoll il-Konvenzjoni jorbtuhom sfiq flimkien bħala fażijiet minn proċess wieħed ta' aċċertament u eżekuzzjoni. Jibqa' dejjem il-fatt li Ordni bħal dak mertu ta' din il-kawża huwa wieħed essenzjalment temporanju u kawtelatorju, għaliex l-ordni ta' konfiska jkun, x'aktarx, aktar definittiv u r-riżultat ta' pronunċjament ġudizzjarju ta' sejbien ta' ħtija. Madankollu, il-Qorti ssib li l-kunsiderazzjonijiet magħmula mill-Q.E.D.B. dwar l-aspett tal-proporzjonalità jgħodd l-istess għaż-żewġ għamliet ta' ordnijiet. F'dan ir-rigward dik l-imsemmija Qorti qalet hekk: "*the Court observes that common European and even universal legal standards can be said to exist which encourage, firstly, the confiscation of property linked to serious criminal offences such as corruption, money laundering, drug offences and so on, without the prior existence of a criminal conviction. .. .. .. confiscation measures may be applied not only to the direct proceeds of crime but also to property, including any incomes and other indirect benefits, obtained by converting or transforming the direct proceeds of crime or intermingling them with other, possibly lawful, assets. Finally, confiscation measures may be applied not only to persons directly suspected of criminal offences but also to any third parties which hold ownership rights without the requisite bona fide with a view to disguising their wrongful role in amassing the wealth in question. .. .. .. The Court also recalls previous cases in which it was required to examine, from the standpoint of the proportionality test of Article 1 of Protocol No. 1, broadly similar procedures for the forfeiture of property linked to the alleged commission of various serious offences entailing unjust enrichment. As regards property presumed to have been acquired either in full or in part with the proceeds of drug-trafficking offences.. .. the Court did not see any problem in finding the confiscation*

[43] Att XIX tal-1994 (Kap 373)

*measures to be proportionate even in the absence of a conviction establishing the guilt of the accused persons. .. .. ..*”[44];

Illi jrid jingħad li l-artikolu 22A tal-Ordinanza jagħti lill-parti milquta minn Ordni ta’ sekwestru jew iffriżar tal-ġid tiegħu rimedji li bihom tista’ titlob lil qorti biex tħalliha tittrasferixxi ġid mobbli jew immobbli maqbud b’ordni bħal dak. Dak ir-rimedju jgħodd ukoll meta l-persuna tkun għadha għaddejja minn proċeduri kriminali u ma tkunx għadha ngħatat sentenza dwar il-ħtija tax-xiljiet li jkunu sarulha. Minħabba f’hekk, jidher li din il-possibilità toħloq l-element ta’ proporzjonalità bejn l-interessi tal-ġustizzja u dak pubbliku in ġenerali u l-interessi tal-persuna mixlija li ħwejjiġha jkunu l-oġġett ta’ ordni bħal dak[45];

Illi mill-atti tal-kawża joħroġ ċar mill-provi dokumentali mressqa, li għal aktar minn darba r-rikorrent irrikorra għall-proċedura li biha talab lill-qorti kompetenti tħallih jeħles minn xi ġid milqut bl-Ordni u li bosta drabi t-talbiet intlaqgħu, b’kundizzjonijiet jew mingħajrhom. Il-Qorti, meta fliet l-imsemmija provi sabet ukoll li ma ma kienx minnu, kif jallega r-rikorrent, li kull darba li tħalla jitrasferixxi xi ġid hekk maqbud, kellu tabilfors jqiegħed ir-rikavat taħt l-awtorità tal-Qorti li awtorizżatu;

Illi ħareġ ukoll li l-fatt li l-proċedura maħsuba fl-Ordinanza taħt l-artikolu 22A mhijiex l-istess bħal dik maħsuba fl-artikolu 22Ċ ma jfissirx b’daqshekk li l-liġi hija sajma fl-għoti ta’ rimedju biex wieħed jattakka Ordni bħal dak mertu tal-każ. Fl-ewwel lok, wieħed irid joqgħod attent biex jagħraf li r-rimedju taħt l-artikolu 22A jitkellem dwar ġid li jkun iffirżat u talbiet li jsiru hu u għadu qiegħed jinstema’ l-każ quddiem il-qorti ta’ kompetenza kriminali; filwaqt li r-rimedju mogħti taħt l-artikolu 22Ċ huwa wieħed li jista’ jittieħed wara li jkun intemm tali proċediment u jsir quddiem qorti ta’ kompetenza ċivili. Fit-tieni lok, kif ingħad qabel, l-iffriżar tal-ġid u l-konfiska jingħataw trattament differenti mil-liġi u wkoll mill-Konvenzjoni, għaliex tal-ewwel jitqies bħala miżura temporanja u kawtelatorja, filwaqt li tat-tieni hija waħda aktar definittiva. Fit-tielet lok, ir-rimedji li tagħti l-liġi fl-artikolu 22A tal-Ordinanza ma għandhomx limitu meta u kemm-il darba jsiru u liema ġid jista’ jintalab li jinħeles, sakemm ir-raġunijiet li jinġiebu jkunu xierqa u dawk maħsuba mil-liġi sewwasew biex iħarsu d-dinjità tal-persuna milquta b’ordni ta’ sekwestru;

Illi r-rikorrent jilminta li, minħabba li ma kellux rimedju effettiv, huwa spiċċa ċċaħħad minn kura meħtieġa li kellu jieħu fi klinika privata u li kienet tiswielu ħafna flus. Madankollu, il-Qorti rat l-istess provi mressqa miż-

[44] Q.E.D.B. **12.5.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Gogitidze et vs Ġeorġja*** (Applik. Nru. 36862/05) §§ 105, 107

[45] Ara Kost. **5.10.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***George Tabone et vs L-Avukat Ġenerali*** § 18 (deċiżjoni dwar ordni ta’ sekwestru taħt id-dispożizzjonijiet tal-art. 5 tal-Kap 373)

żewġ partijiet, u jirriżultalha li r-rimedji li rrikorra għalihom ir-rikorrent kienu jippermettulu li jeħles ġid biżżejjed biex seta' jieħu l-kura kollha li kienet meħtieġa u li d-diffikultajiet li ltaqa' magħhom kienu x'aktarx ir-riżultat ta' kemm mexxa b'mod intempestiv biex jinqeda bihom. Il-Qorti tqis ukoll li, sakemm idum fis-seħħ l-Ordni, ir-rikorrent għadu jista' jinqeda bir-rimedju li tagħtih il-liġi;

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li r-rikorrent ma seħħlux juriha b'raġunijiet tajbin biżżejjed li l-ħruġ tal-Ordni kien iġiblu ksur tal-jedd tiegħu kif imħares fl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u għalhekk, ma ssibx li l-**ewwel u t-tieni talbiet attriċi** safejn imsejsa fuq il-ksur tal-imsemmi artikolu huma mistħoqqa;

Illi l-Qorti ser tgħaddi biex tqis l-ilment dwar il-**ksur tal-jedd tiegħu li ma jingħatax trattament inuman jew degradanti**. Ir-rikorrent jgħid li l-Ordni waqqfu minn kull attività ekonomika li kien imexxi sa minnufih qabel ma nħareġ. Mhux hekk biss, imma jgħid li dak il-waqfien, fallielu n-negozju kollu tiegħu u wassal biex il-kredituri tiegħu qabżu fuqu u ġabuh lampa stampa. Minbarra dan, it-twaqqif tal-attività ekonomika tiegħu ġabitu f'qagħda li ma setax jonora l-obbligi tiegħu lanqas f'dak li jirrigwarda l-ħlasijiet tat-taxxa jew ħlasijiet oħrajn fiskali, b'mod li ġarrab proċeduri kriminali li, b'riżultat tagħhom, kien imġiegħel iservi piena effettiva ta' ħabs;

Illi l-intimat iwarrab dan l-ilment u jgħid li dak li għadda minnu r-rikorrent ma kienx trattament degradanti u wisq anqas trattament inuman, għaliex ma kinitx tilħaq l-intensità u l-gravità li l-Konvenzjoni titlob biex trattament ikun iwassal għall-ksur tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni;

Illi l-imsemmi artikolu jgħid li "*Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal tortura jew għal trattament jew piena inumana jew degradanti*";

Illi xieraq jingħad li l-imsemmija dispożizzjonijiet jinqdew bi kliem li juri li l-projbizzjoni li xiħadd jittratta lil xiħadd ieħor b'mod inuman jew degradanti hija waħda assoluta (hija mfissra bħala "an unqualified prohibition"[46]) u li ma tħallix eċċezzjonijiet jew tiġbid[47]. Huma dispożizzjonijiet li jitfgħu fuq l-Istat ukoll obbligazzjoni pożittiva li jaraw b'mod preventiv li l-jedd jitħares u mhux biss waħda fejn l-Istat jirrimedja wara li jkun hemm ksur tiegħu. Huwa wkoll minħabba f'hekk li huwa mistenni li l-imġiba li minnha wieħed jilminta trid tkun ta' qawwa jew qilla ta' ċerta gravità u li tkun ippruvata fi grad għoli daqskemm xieraq skond in-natura tal-

[46] Cfr R. Gordon, T Ward & T Eicke *The Strasbourg Case Law: Leading Cases from the European Human Rights Reports* (Sweet & Maxwell 2001) f'paġ. 117
[47] Kemm hu hekk, ara art. 15 tal-Konvenzjoni

proċediment li jkun. Huwa aċċettat ukoll li t-'tortura', it-'trattament inuman' u t-'trattament li jbaxxi' 'l dak li jkun huma kunċetti li jirkbu fuq xulxin u mhumiex maqtugħin għal kollox minn xulxin, ladarba huma mġiba mhux xierqa fuq xiħadd li hija differenti minħabba l-grad ta' severità li tintuża, b'tal-ewwel tikkostitwixxi l-għamla l-aktar ħarxa ta' mġiba u tal-aħħar l-għamla l-inqas kiefra;

Illi kemm dan huwa tabilħaqq hekk, bil-kliem "trattament degradanti" wieħed jifhem "*treatment that humiliates or debases ... Degrading treatment in the sense of article 3 is conduct that 'grossly humiliates', although causing less suffering than torture. The question is whether a person of the applicant's sex, age, health, etc., of normal sensibilities would be grossly humiliated in all the circumstances of the case*."[48] Hemm differenza wkoll bejn trattament inuman u trattament degradanti. Kull trattament inuman huwa minnu nnifsu wieħed ukoll degradanti, iżda mhux kull trattament degradanti jsir trattament inuman[49], liema trattament "*covers at least such treatment as deliberately causes severe mental and physical suffering*"[50];

Illi mġiba li twassal lil persuna biex tagħmel xi ħaġa kontra r-rieda jew kontra l-kuxjenza tagħha tista' wkoll titqies bħala trattament degradanti. F'xi każijiet tqies li, flimkien ma' dawn il-kriterji, jkun irid jintwera wkoll li min ikun wettaq l-għemil degradanti jkun għamel dan bil-fehma jew l-intenzjoni li jżeblaħ, iċekken jew jumilja 'l vittma, imma jidher li jkun iżjed għaqli li wieħed iqis it-trattament li jkun ingħata fiċ-ċirkostanzi konkreti tal-persuna li tkun għaddiet minn dak it-trattament u tal-każ li fih ikun iġġarrab[51], għalkemm ma tiddependix lanqas għal kollox fuq dak li suġġettivament tħoss il-persuna mġarrba[52];

Illi biex iseħħ ksur tal-artikolu 3, it-trattament degradanti jrid jintwera li "*gravement ibaxxi lil dak li jkun quddiem ħaddieħor .... u jidher li llum hu ġeneralment aċċettat li biex trattament determinat jaqa' taħt il-komminazzjonijiet tad-dispożizzjonijiet fuq ċitati*[53]*, jeħtieġ ċertu grad ta' gravita*""[54], li mingħajru ma jkunx jista' jingħad li seħħ ksur ta' dak il-jedd[55]. Għalhekk, biex trattament jitqies li jkun degradanti, irid jintwera li jmur lil hinn minn sempliċi inkonvenjenza jew disaġju[56];

---

[48] Harris, O'Boyle & Warbrick *op. cit*, paġġ. 80 - 1
[49] Kost. **19.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Meinrad Calleja vs Kummissarju tal-Pulizija et***
[50] K Reid *op. cit.* §IIB – 416, paġ. 575
[51] Kost. **6.12.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech vs Kummissarju tal-Pulizija*** (Kollez. Vol: **LXXIII.i.239**)
[52] P.A. (Kost.) TM **19.10.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Lawrence Gatt vs L-Onor. Prim Ministru et*** (konfermata fil-Qorti Kostituzzjonali fit-**12.2.2008**)
[53] F'dan il-każ, jiġifieri l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni
[54] Kost. **20.7.1977** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġużeppa Galea vs Segretarju tad-Djar et*** (Deċ. Kost. II, Għ.S.L., paġ. 549)
[55] Q.E.D.B. **6.10.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Lecomte vs Ġermanja*** (Applik. Nru. 80442/12) §§ 91 – 2
[56] Kost. **18.11.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Testa vs Attard noe et*** (Kollez. Vol: **LXXIII.i.185)**

Illi b'żieda ma' dan, huwa miżmum ukoll li minħabba li 'trattament degradanti u inuman' huma konċetti astratti, biex tassew jista' jingħad li seħħew iridu "jikkonkretiżżaw neċessarjament f'xi fatt jew fatti materjali" li jkunu ta' ċerta gravità[57] li jitkejlu fuq l-effett li tali trattament ħalla fuq il-persuna li kienet suġġetta għalih[58]. Minbarra dan, jista' jkun il-każ li l-qies dwar jekk imġiba partikolari tkunx waħda li ġġibx ksur tal-imsemmi jedd irid ikun "*judged by the circumstances of the case and the prevalent views of the time .. .. It is clear that the answer to the question whether Article 3 has been violated, although depending on all the circumstances of the case, including such factors as the mental effects on the person concerned, is not entirely dependent on his subjective appreciations and feelings*"[59];

Illi għal dak li jirrigwarda l-piż tal-prova ta' ksur tal-artikolu 3, jidher li jaqa' fuq min jilminta mill-ksur tal-imsemmi jedd li jressaq prova lil hinn mid-dubju raġonevoli li tabilħaqq ikun seħħ ksur ta' l-imsemmi artikolu[60]. Irid jingħad li din mhijiex fehma li magħha jaqbel kulħadd[61]. Iżda "*such proof may follow from the coexistence of sufficiently strong, clear and concordant inferences or of similar unrebutted presumptions of fact. The conduct of the parties when evidence is being obtained has to be taken into account*"[62];

Illi l-qies ta' jekk trattament jaqax fil-parametri tal-artikolu 3 irid isir b'riferenza għaċ-ċirkostanzi kollha tal-każ li jkun fil-qafas tiegħu, magħduda l-mod ta' kif jingħata, it-tul tiegħu, l-effetti fiżiċi u morali li jħallu fuq il-persuna hekk trattata, u ċirkostanzi oħrajn bħas-sess, l-età u s-saħħa tal-vittma. Trattament jitqies bħala inuman meta tal-anqas iġib fuq il-vittma tbatija fiżika jew psikika "intensa" mqar jekk mhux akkompanjata bi ġrieħi li jidhru fuq il-ġisem, u jekk "*iqajjem f'dak li jkun sentimenti ta' biża', angoxxia u sens ta' inferjorita' li jumiljaw u jiddenigraw lil dak li jkun saħansitra sakemm possibilment jabbattu r-reżistenza fiżika jew morali tiegħu*"[63]. L-istħarriġ li trid tagħmel il-Qorti dwar jekk it-trattament mogħti jiksirx l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni huwa marbut maż-żmien li l-każ ikun qiegħed quddiemha biex tqis l-ilment[64];

Illi fir-rigward ta' każijiet fejn persuna tkun ingħatat sentenza ta' ħabs, il-kwestjoni dwar jekk il-piena nnifisha kinitx tikser il-jedd li persuna ma tingħatax trattament degradanti jew inuman kienet mistħarrġa f'għadd ta' drabi u minħabba għadd ta' ċirkostanzi. Dan jgħodd ukoll fejn il-piena tkun waħda

---

[57] Kost. **8.5.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Bonello vs Onor. Prim Ministru et*** (Kollez. Vol; **LXXXV.i.1**)
[58] Kost. **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.106**)
[59] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory and Practice of the European Convention on Human Rights § 7.3, f'paġġ.412 u 415
[60] Q.E.D.B. **13.6.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Anguelova vs Bulgarija*** (Applik. Nru. 38361/97) § 111
[61] Ara M. Schiavone (Ed.) When Judges Dissent (2008), f'paġġ. 241 – 3
[62] Q.E.D.B. **12.4.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Shamaiev et vs Ġorġja u Russja*** (Applik. Nru. 36378/02) § 338
[63] Kost. **31.10.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Caruana vs Id-Direttur tal-Ħabs et***
[64] Kost. **22.2.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Dilek Sahan et vs Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern et***

ġustifikata u mistħoqqa għar-reat li dwaru l-persuna ikkundannata tkun instabet ħatja wara proċess li tmexxa kif imiss. Dan l-istħarriġ sar kemm dwar il-kundizzjonijiet li fihom il-persuna tkun tinżamm biex tiskonta l-piena mogħtija u kif ukoll dwar l-aspetti ta' reviżjoni li dik il-piena toffri lill-persuna misjuba ħatja, fejn l-imġiba tagħha jew il-qagħda fiżika tagħha jitolbu r-reviżjoni tal-piena mogħtija. Qamet ukoll il-kwestjoni tal-għan riformativ tal-piena mogħtija u xejn anqas dik li tagħraf ukoll id-dinjità tal-persuna misjuba ħatja liema dinjità ma tintilifx minkejja s-sejbien tal-ħtija[65];

Illi wara li l-Qorti qieset sewwa l-prinċipji li għadhom kemm issemmew u rathom fid-dawl taċ-ċirkostanzi fattwali li jsawru l-każ tar-rikorrent, hija tasal għall-fehma li r-rikorrent ma jistax jgħid li l-pwieni erogati fil-kawżi kriminali miftuħa kontrih kienu pwieni li jikkostitwixxu trattament degradanti u wisq anqas inuman. Fl-ewwel lok, il-pwieni kienu fil-parametri tax-xiljiet li kienu sarulu. Fit-tieni lok, mill-atti ħareġ li wara li r-rikorrent kien serva s-sentenza, hu kien fetaħ proċeduri ta' natura kostituzzjonali biex iħassarhom iżda ma sejjisx l-ilmenti tiegħu fuq it-trattament inuman jew degradanti. Fit-tielet lok, f'din il-kawża, ir-rikorrent jgħid li t-trattament inuman u degradanti joħroġ mill-Ordni nnifsu. F'dan ir-rigward, il-Qorti tirreferi għall-kunsiderazzjonijiet li għamlet qabel taħt l-ilment tal-ksur tal-jedd fundamentali l-ieħor u tqis li bosta minnhom jgħoddu għal dan l-ilment ukoll. B'mod partikolari, hija ssib li ladarba Ordni bħal dak jitqies mill-Konvenzjoni bħala wieħed li jħares il-proporzjonalità u l-liġi tipprovdilu rimedji biex jirregola l-effetti tiegħu, tkun ħaġa iebsa biex il-Qorti ssib li l-istess Ordni jikkostitwixxi ksur tal-jedd tar-rikorrent li ma jkunx suġġett għal trattament degradanti. It-taħbit li r-rikorrent għadda minnu wkoll b'rabta man-nefqiet tal-kura speċjali li kien jeħtieġ u tal-interventi kirurġiċi li ried jagħmel ma jwassalx għal trattament min-naħa tal-Istat jew tal-intimat li jista' jingħad li kien magħmul b'fehma li lir-rikorrent iġiblu ħsara jew umiljazzjoni;

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti qiegħda tasal għall-fehma li lanqas dan l-ilment ma huwa mistħoqq u għalhekk safejn l-ewwel u t-tieni talbiet attriċi jinbnew fuq l-ilment ta' ksur tal-jedd imħares fl-artikolu 3 tal-Konvenzjoni, din il-Qorti mhix sejra tilqagħha lanqas;

Illi għalhekk, it-**tielet talba attriċi** ma tistax tintlaqa' wkoll minħabba l-fatt li r-rikorrent kellu u għad għandu rimedji taħt il-liġi li bihom jista' jirregola l-effetti tal-Ordni sakemm tali Ordni jkun għadu fis-seħħ;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

[65] William A. Schabas *op. cit.*, paġġ. 187 – 8

**Tiċħad it-talbiet attriċi** bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt billi l-ħruġ tal-Ordni taħt l-artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi la ġabet ksur tal-jedd tar-rikorrent taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u lanqas tal-jedd imħares taħt l-artikolu 3 tal-istess Konvenzjoni; u

**Tordna** li r-rikorrent iħallas l-**ispejjeż tal-kawża**, minbarra dawk marbuta mas-sentenza preliminari tat-13 ta' Lulju, 2017, li jitħallsu skond kif ordnat f'dik is-sentenza.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**22 ta' Ottubru, 2019**

**Mario Debono**
**Deputat Reġistratur**

**22 ta' Ottubru, 2019**